Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 07/16

**AVVIŻI**

**14 ta' Frar 2016**

*Illum* 14 ta' Frar il-membri tal-Kumitat tal-Festa sa jagħmlu l-ġabra bieb bieb b'risq il-festa.

Matul din il-Ġimgħa jsiru l-Eżerċizzi tar-Randan għat-tfal kollha tal-parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn l-4.30pm u l-5.15pm. Imexxi P. Allister Aquilina. Ikun hemm laqgħa kuljum bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa. Inrawwmu f'uliedna l-ħeġġa biex nieħdu ħsieb l-aspett spiritwali ta' ħajjitna wkoll.

Nhar il-Ħadd li ġej 21 ta' Frar ikun hemm Maratona tal-liedna fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn l-10am u l-10pm.Din hi okkażjoni biex inkunu parti mit-tisbieħ tar-raħal tagħna fi żmien il-festa, imma aktar minn hekk mument biex niltaqgħu flimkien u nsiru nafu iżjed lil xulxin. Dawn huma waqtiet importanti li jibnuna bħala komunità u familja parrokkjali.

Fil-jiem li ġejjin il-Kappillan sa jibda jżur il-familji. Tirċievu nota fil-jiem ta' qabel bid-data u l-ħin. Min ikollu xi diffikultà jista' jagħmel appuntament ieħor skont id-dettalji li ssibu fl-istess nota.